

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA

Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika
u l-Koeżjoni Territorjali

Ordni ta'

rigward il-kriterji, is-subkriterji u s-sistema ta' punteġġi għall-kalkolu u l-wiri tal-indiċi tas-sostenibbiltà tal-mowbajls multifunzjonali.

NOR: TRED2023820A

Pubbliku kkonċernat: *il-produtturi, l-importaturi, id-distributuri jew parteċipanti oħra fis-suq għall-ismartphones u l-bejgiegħa ta' tali tagħmir u dawk li jużaw sit web, pjattaforma jew mezz ta' distribuzzjoni online matul l-attività kummerċjali tagħhom fi Franza.*

Suġġett: *kriterji, subkriterji u sistema ta' punteġġi għall-kalkolu u l-wiri tal-indiċi tas-sostenibbiltà tal-ismartphones.*

Dħul fis-seħħ: *it-test għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.*

Avviż: *din l-Ordni tistabbilixxi s-sistema ta' punteġġi għall-indiċi tas-sostenibbiltà tal-ismartphones.*

Referenzi: *din l-Ordni tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit web ta' Légifrance (<http://www.legifrance.gouv.fr>).*

Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali u l-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali;

Wara li kkunsidraw il-Kodiċi tal-Ambjent, b'mod partikolari l-Artikolu L. 541-9-2 tiegħu;

Wara li kkunsidraw id-**Digriet Nru** ta' dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-indiċi tas-sostenibbiltà għall-prodotti elettriċi u elettroniċi, il-kriterji u l-metodu ta' kalkolu tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-**Regolament Nru** li jstabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, il-mowbajls għajr l-ismartphones, it-telefowns bla fili u t-tablets f'konformità mad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

B'dan jordnaw:

Artikolu 1

Din l-Ordni tapplika għall-mowbajls multifunzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

Artikolu 2

Skont l-Artikoli R. 541-234 sa R. 541-238 tal-Kodiċi Ambjentali, il-kriterji, is-subkriterji u s-sistema ta' punteġġi applikabbli għall-prodotti definiti fl-Artikolu 1 għall-kalkolu tal-indiċi tas-sostenibbiltà skont il-mudell huma speċifikati fl-Annessi I, II u III ta' din l-Ordni.

Artikolu 3

Il-produtturi jew l-importaturi tat-tagħmir imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom itellgħu online d-data msemmija fl-Artikolu R.541-236 tal-Kodiċi Ambjentali fuq il-portal interministerjali uniku maħsub biex jiġbor u jagħmel disponibbli informazzjoni pubblika, imsemmija fil-punt 4 tal-Artikolu 6 tad-Digriet Nru 2019-1088 tal-25 ta' Ottubru 2019 dwar is-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Istat u d-direttorat interministerjali dwar l-affarijiet diġitali (www.data.gouv.fr) f'konformità mat-termini tal-liċenzja miftuħa għall-użu mill-ġdid ta' informazzjoni pubblika msemmija fl-Artikolu D323-2-1 tal-Kodiċi tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, kif definit fid-dokument disponibbli fuq <https://www.etalab.gouv.fr/wp-content/uploads/2017/04/ETALAB-Licence-Ouverte-v2.0.pdf>, li jippermetti l-użu mill-ġdid mingħajr ħlas ta' tali data.

Artikolu 4

L-Ordni tad-29 ta' Diċembru 2020 rigward il-kriterji, is-subkriterji u s-sistema ta' punteġġi għall-kalkolu u l-wiri tal-indiċi tal-possibbiltà ta' tiswija tal-mowbajls multifunzjonali, ġiet imħassra.

Għall-mudelli mqiegħda fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni u li ma għadhomx jiġu kkummerċjalizzati minn dik id-data, l-indiċi tal-possibbiltà ta' tiswija għandu jintwera sal-aħħar unità tal-mudell mibjugħ.

Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni għandhom jidħlu fis-seħħ disa' xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Għall-mudelli ta' prodotti mqiegħda fis-suq wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni, id-data msemmija fl-Artikolu 3 għandha titqiegħed online mhux aktar tard minn xahar wara li l-ewwel unità tkun tqiegħdet fis-suq.

Għall-mudelli mqiegħda fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni u li jibqgħu jitqiegħdu fis-suq mill-produttur jew mill-importatur, id-data msemmija fl-Artikolu 3 għandha tittella' online mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-Ordni.

Artikolu 6

Il-Kummissarju Ġenerali għall-Iżvilupp Sostenibbli u d-Direttur Ġenerali għall-Kompetizzjoni, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Kontroll tal-Frodi għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan id-Digriet, li għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* tar-Repubblika Franċiża.

Annex I

Definizzjonijiet applikabbli għall-Annessi

- (1) “Aġġornament tas-sigurtà”: aġġornament tas-sistema operattiva, inklużi patches tas-sigurtà, meta applikabbli għal apparat partikolari, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jtejjeb is-sigurtà tal-apparat;
- (2) “Aġġornament korrettiv”: aġġornament tas-sistema operattiva, inklużi patches, li l-għan tiegħu huwa li jirringa bugs, żbalji jew ħsarat fis-sistema operattiva;
- (3) “Aġġornament tal-funzjonalità”: aġġornament tas-sistema operattiva li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jimplimenta funzjonalitajiet ġodda;
- (4) “Sistema operattiva”: software li jikkontrolla l-eżekuzzjoni ta’ programmi u li jista’ jipprovdi servizzi bħall-allokazzjoni tar-riżorsi, l-ipprogrammar, il-kontroll tal-input-output u l-ġestjoni tad-data; normalment ikun soġġett għal aġġornamenti regolari li jwasslu għall-istabbiliment ta’ serje ta’ verżjonijiet maġġuri u minuri, inklużi l-applikazzjonijiet kollha tas-software installati minn qabel li ma jistgħux jiġu diżinstallati mill-utent;

Anness II

Familja tal-Kriterji A – Possibbiltà ta’ Tiswija

KRITERJU Nru 1 - DOKUMENTAZZJONI

Subkriterju 1.1. Impenn tal-produttur fir-rigward tal-perjodu ta’ disponibbiltà tad-dokumentazzjoni teknika

	Kolonna B Sewweija				Kolonna C Konsumaturi			
	Snin ta’ disponibbiltà				Snin ta’ disponibbiltà			
	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew iżjed
Tip ta’ dokumentazzjoni	Għadd ta’ punti				Għadd ta’ punti			
Identifikazzjoni mhux ambigwa tal-prodott	0	6	7	8	0	6	7	8
Dijagramma taż-żarmar jew dijagramma kompożittiva	0	6	7	8	0	6	7	8
Skema tal-kejbils u tal-konnessjonijiet	0	6	7	8	0	6	7	8
Dijagrammi tal-bords taċ-ċirkwit	0	6	7	8	0	6	7	8
Lista ta’ tagħmir meħtieġ għat-tiswija u l-ittestjar	0	6	7	8	0	6	7	8
Manwal tekniku għall-istruzzjonijiet dwar it-tiswija	0	6	7	8	0	6	7	8
Kodiċijiet ta’ żbalji u dijanjostiċi	0	6	7	8	0	6	7	8
Informazzjoni dwar il-komponenti u d-dijanjistika	0	6	7	8	0	6	7	8
Struzzjonijiet tas-software (inkluż ir-risettjar)	0	6	7	8	0	6	7	8
Aċċess għal inċidenti rappurtati u rreġistrati fit-tagħmir	0	6	7	8	0	6	7	8
Bullettini tekniċi	0	6	7	8	0	6	7	8

Il-punti jingħataw abbażi tal-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

- l-aċċess għall-informazzjoni kkonċernata jsir direttament u mingħajr ħlas;
- il-proċeduri għall-aċċess tad-dokumentazzjoni għandhom ikunu speċifikati b’mod leġibbli u komprensibbli u mibgħuta fi żmien sebat ijiem tax-xogħol lil kwalunkwe persuna li titlob dan.

L-għadd massimu ta’ punti huwa 176. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta’ punti miksuba / 176) x 10

Subkriterju 1.2. L-appoġġ tal-konsumatur għad-dijanjożi u t-tiswija.

Dan is-subkriterju huwa maqsum f’żewġ aspetti:

a) L-impenn tal-produttur għad-disponibbiltà ta’ informazzjoni speċifika għall-konsumatur

	Kolonna C Konsumaturi	
Disponibbiltà ta’ informazzjoni speċifika	le	iva
Għadd ta’ punti	0	1

It-terminu

“informazzjoni speċifika” jkopri, fl-istess ħin, dokumentazzjoni li tippreżenta qafas speċifiku għall-awtotiswija, informazzjoni dwar l-aċċess għal sewweija professjonali kif ukoll informazzjoni li tippermetti d-detezzjoni tal-ħsarat u l-azzjonijiet meħtieġa b’mod li jinftiehem mill-konsumatur. L-għoti ta’ din l-informazzjoni kollha jagħmilha possibbli li jiġi attribwit il-punt.

Il-punt għandu jingħata abbażi tal-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

- l-aċċess għall-informazzjoni kkonċernata jsir direttament u mingħajr ħlas;
- il-proċeduri għall-aċċess tad-dokumentazzjoni għandhom ikunu speċifikati b’mod leġibbli u komprensibbli u mibgħuta fi żmien sebat ijiem tax-xogħol lil kwalunkwe persuna li titlob dan.

b) Għajnuna mill-bogħod mingħajr ħlas

Tip ta' assistenza mill-bogħod mingħajr ħlas	Kolonna C Konsumaturi		
	Xejn	Assistenza dijanjostika mill-bogħod	Għajnuna għat-tiswija mill-bogħod
Għadd ta' punti	0	2	4

L-għadd massimu ta' punti huwa 5. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 5) x 10

KRITERJU NRU 2 - ŻARMAR U AĊĊESS, GĦODOD U QFIELI

Subkriterju 2.1. Il-faċilità taż-żarmar tal-parts (lista 2)

	Għadd ta' passi biex tiġi aċċessata l-part mill-unità			
	ND/NA (1) jew 16 u aktar	11 sa 15	6 sa 10	1 sa 5
Parts fil-lista 2	Għadd ta' punti			
Batterija	0	1	2	3
Displej	0	1	2	3
Kamera ta' wara	0	1	2	3
Kamera ta' quddiem	0	1	2	3
Ċarġer				

(1) ND/NA = ma jistax jitneħħa jew mhuwiex aċċessibbli individwalment

L-għadd massimu ta' punti huwa 12. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 12) x 10

Subkriterju 2.2. Għodda meħtieġa biex jiżarmaw il-parts (lista 2)

	Tip ta' għodda			
	ND/NA	Għodda proprietarja	Għodda speċifika	Mingħajr għodda, għodda komuni (2)
Parts fil-lista 2	Għadd ta' punti (3)			
Batterija	0	1	2	4
Displej	0	1	2	4
Kamera ta' quddiem	0	1	2	4
Kamera ta' wara	0	1	2	4
Ċarġer				

(2) jew għodda fornuta mal-ispare part

(3) ikkunsidra l-aġħar punteġġ jekk ikunu kkonċernati diversi għodod.

L-għadd massimu ta' punti huwa 16. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 16) x 10

Subkriterju 2.3. Karatteristiċi tal-qfieli (għall-armar tal-parts fil-lista 1 u 2)

	Tip ta' qafra		
	La tista' tista' titneħħa u lanqas tista' terġa' tintuża	Tista' titneħħa, ma tistax terġa' tintuża	Tista' titneħħa u tista' terġa' tintuża (4)
Parts fil-lista 1 jew lista 2	Għadd ta' punti (5)		
Konnessjoni taċ-ċarġer	0	1	2
Konnetturi	0	1	2
Motherboard	0	1	2
Buttuni	0	1	2
Mikrofonu	0	1	2
Spiker	0	1	2
Batterija	0	1	2
Displej	0	1	2
Kamera ta' quddiem	0	1	2
Kamera ta' wara	0	1	2
Ċarġer			

(4) jew qafra pprovduta mal-ispare part

(5) ikkunsidra l-aġħar punteġġ jekk ikunu kkonċernati diversi qafliet

L-għadd massimu ta' punti huwa 20. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 20) x 10

KRITERJU NRU 3 – DISPONIBBILTÀ TAL-ISPARE PARTS

Subkriterju 3.1. L-impenn mill-produttur tul il-perjodu tad-disponibbiltà tal-parts fil-Lista 2

	Kolonna A Produttur				Kolonna B Distributori tal- ispere parts				Kolonna C Sewwejja				Kolonna D Konsumaturi			
	Snin ta' disponibbiltà				Snin ta' disponibbiltà				Snin ta' disponibbiltà				Snin ta' disponibbiltà			
	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew iżjed
Parts fil-lista 2	Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti			
Batterija	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Displej	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Kamera ta' quddiem	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Kamera ta' wara	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Ċarġer	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8

L-għadd massimu ta' punti huwa 160. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 160) x 10

Subkriterju 3.2. L-impenn mill-produttur tul il-perjodu tad-disponibbiltà tal-parts fil-Lista 1

	Kolonna A Produttur				Kolonna B Distributori tal-ispere parts				Kolonna C Sewwejja				Kolonna D Konsumaturi			
	Snin ta' disponibbiltà				Snin ta' disponibbiltà				Snin ta' disponibbiltà				Snin ta' disponibbiltà			
	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew iżjed	5	6	7	8 jew aktar/
Parts fil-lista 1	Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti			
Konnessjoni taç- ċarġer	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Konnetturi	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Motherboard	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Buttuni	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Mikrofonu	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8
Spiker	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8	0	6	7	8

L-għadd massimu ta' punti huwa 192. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 192) x 1

Subkriterju 3.3. Iż-żmien tal-kunsinna tal-parts tal-lista 2

	Kolonna A Produttur				Kolonna B Distributuri tal- ispare parts				Kolonna C Sewwejja				Kolonna D Konsumaturi			
	Jiem għall-konsenja (1)				Jiem għall- konsenja (1)				Jiem għall-konsenja (1)				Jiem għall-konsenja (1)			
	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3
Parts fil-lista 2	Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti			
Batterija	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Displej	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Kamera ta' quddiem	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Kamera ta' wara	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Ċarġer	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3

(1) Jiem tax-xogħol mill-jum tal-ordni.

Dawk id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għal dawk tal-Artikolu L. 441-4 tal-Kodiċi tal-Konsumatur, fir-rigward tal-projbizzjoni tar-restrizzjoni tal-aċċess ta' professjonist tat-tiswija għall-ispare parts.

L-għadd massimu ta' punti huwa 60. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 60) x 10

Subkriterju 3.4. Iż-żmien għall-kunsinna tal-parts tal-lista 1

	Kolonna A Produttur				Kolonna B Distributuri tal- ispare parts				Kolonna C Sewwejja				Kolonna D Konsumaturi			
	Jiem għall-konsenja (1)				Jiem għall- konsenja (1)				Jiem għall-konsenja (1)				Jiem għall-konsenja (1)			
	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3	11 u iżje d	6 sa 10	4 sa 5	1 sa 3
Parts fil-Lista 1	Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti				Għadd ta' punti			
Konnessjoni taċ-ċarġer	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Konnetturi	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Motherboard	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Buttuni	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Mikrofonu	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3
Spiker	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3	0	1	2	3

(2) jiem tax-xogħol mill-jum tal-ordni.

Dawk id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għal dawk tal-Artikolu L. 441-4 tal-Kodiċi tal-Konsumatur, fir-rigward tal-projbizzjoni tar-restrizzjoni tal-aċċess ta' professjonist tat-tiswija għall-ispare parts.

L-għadd massimu ta' punti huwa 72. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 72) x 10

KRITERJU Nru 4 - IL-PREZZ TAL-ISPARE PARTS

Subkriterju 4.1. Il-proporzjon tal-prezz tal-parts fil-Lista 2 għall-prezz tal-prodott ġdid

Abbażi tal-proporzjon deskritt fl-Ordni ta' XXXX dwar il-metodi tal-wiri, il-markaturi u l-parametri ġenerali għall-kalkolu tal-indiċi tas-sostenibbiltà, l-għadd ta' punti miksuba għal dan il-kriterju huwa ddeterminat kif ġej:

- jekk il-proporzjon ikun akbar minn 0.3, l-għadd ta' punti jkun 0;
- jekk ir-riżultat tal-proporzjon ikun inqas minn 0.1, l-għadd ta' punti jkun 100;
- jekk ir-riżultat tal-proporzjon ikun bejn 0.1 u 0.3, l-għadd ta' punti jiġi ddeterminat skont it-tabella ta' korrispondenza li ġejja:

Proporzjon	0.1	0.11	0.12	0.13	0.14	0.15	0.16	0.17	0.18	0.19	0.2	0.21	0.22	0.23	0.24	0.25	0.26	0.27	0.28	0.29	0.3
Punti	100	95	90	85	80	75	70	65	60	55	50	45	40	35	30	25	20	15	10	5	0

Ir-regola tal-arrotondament hija kif ġej:

- Jekk in-numru wara t-tielet deċimali tkun inqas minn 5, titqarreb għat-tieni deċimali l-baxx;
- - Jekk in-numru wara t-tielet post deċimali jkun ta' 5 jew aktar, jiġi approssimat għat-tieni l-oġhla punt deċimali.

L-għadd massimu ta' punti huwa 100. Punteġġ għal dan is-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba / 100) x 10

KALKOLU FINALI

Kriterji	Subkriterju	Punteġġ tas-subkriterju	Koeffiċjent tas-subkriterju	Punteġġ tal-kriterju	Total tal-punteġġi tal-kriterji
1. Dokumentazzjoni	1.1. Tul ta' żmien ta' disponibbiltà tad-dokumentazzjoni teknika-	███/10	2	███/25	███/100
	1.2 Appoġġ tal-konsumatur għad-dijanjożi u t-tiswija	███/10	0.5		
2. Kapaċità taż-żarmar u aċċess, għodod, irbit	2.1. Kemm huwa faċli li jiżżarmaw il-parts tal-lista 2*	███/10	1.3	███/25	
	2.2. Għodod meħtieġa (lista 2)	███/10	0.6		
	2.3. Karatteristiċi tal-qfieli bejn il-parts tal-Lista 1** u tal-Lista 2	███/10	0.6		
3. Disponibbiltà tal-ispere parts	3.1. Il-perjodu tad-disponibbiltà tal-parts tal-lista 2	███/10	1.3	███/25	
	3.2. Il-perjodu tad-disponibbiltà tal-parts tal-lista 1	███/10	0.6		
	3.3. Iż-żmien għall-kunsinna tal-parts tal-lista 2	███/10	0.3		
	3.4. Iż-żmien għall-kunsinna tal-parts tal-lista 1	███/10	0.3		
4. Prezz tal-ispere parts	4.1. Il-proporzjon tal-prezz tal-parts tal-lista 2 meta mqabbel mal-prezz ta' tagħmir ġdid	███/10	2.5	███/25	
Punteġġ tal-possibbiltà ta' tiswija					███/10

--	--

Anness III

Familja tal-Kriterji B – Affidabbiltà

1. Reżistenza għall-istress u/jew għat-tkagħbir

Subkriterju 1.1. Reżistenza għall-istress

Dan is-subkriterju huwa maqsum f'ħames aspetti.

It-testijiet u l-metodi rilevanti għall-kalkolu tal-punti ta' dan is-subkriterju għandhom ikunu identiċi għat-testijiet u l-metodi ta' kalkolu biex tintlaħaq konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament **Nru li jistabbilixxi** r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, il-mowbajls għajr l-ismartphones, it-telefowns bla fili u t-tablets f'konformità mad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

a) Reżistenza għal xokkijiet u waqgħat

Għall-kriterji numeriċi, l-ilħuq tal-limitu massimu tal-intervall huwa eskluż għall-attribuzzjoni tal-punt.

Għal smartphones li ma jingħalqux:

Valur ta' X	Għadd ta' punti
Jekk $X < 45$	0
Jekk $45 \leq X < 90$	1
Jekk $90 \leq X < 180$	2
Jekk $180 \leq X < 270$	3
Jekk $270 \leq X$	4

L-għadd massimu ta' punti huwa 4. $NA = (\text{għadd ta' punti miksuba}/4) \times 10$

Għal smartphones li jingħalqu:

Valur ta' X (smartphone magħluq)	Valur ta' X (smartphone miftuħ)	Għadd ta' punti
Jekk $X < 35$ u	$X < 15$	0
Jekk $35 \leq X < 70$	Jekk $15 \leq X < 25$	1
Jekk $70 \leq X < 140$	Jekk $25 \leq X < 35$	2
Jekk $140 \leq X < 210$	Jekk $35 \leq X < 45$	3
Jekk $210 \leq X$	Jekk $45 \leq X$	4

X huwa n-numru ta' waqgħat mingħajr ma ssir ħsara matul l-ittestjar ripetut tal-waqgħa dritti.

L-għadd massimu ta' punti huwa 4. $NA = (\text{għadd ta' punti miksuba}/4) \times 10$

b) Reżistenza għall-grif

Valur ta' X	Għadd ta' punti
Jekk $X < 5$	0
Jekk $5 \leq X < 6$	1
Jekk $6 \leq X < 7$	2

X tikkorrispondi għar-riżultat miksub fil-livell ta' ebusija miksub fuq l-iskala tal-ebusija Mohs.

L-għadd massimu ta' punti huwa 2. $Nb = (\text{għadd ta' punti miksuba}/2) \times 10$

c) Reżistenza għat-trab u oġġetti barranin

Valur ta' X	Għadd ta' punti
Jekk $X < 5$	0
Jekk $5 \leq X < 6$	1
Jekk $6 \leq X < 7$	2

X hija l-ewwel ċifra tal-kodiċi IP.

L-għadd massimu ta' punti huwa 2. $N_c = (\text{għadd ta' punti miksuba}/2) \times 10$

d) reżistenza għal-likwidi

Valur ta' X	Għadd ta' punti
Jekk $X < 5$	0
Jekk $5 \leq X < 6$	1
Jekk $6 \leq X < 7$	2
Jekk $7 \leq X < 8$	3
Jekk $8 < X$	4

X huwa t-tieni numru tal-kodiċi IP.

L-għadd massimu ta' punti huwa 4. $N_d = (\text{għadd ta' punti miksuba}/4) \times 10$

e) Reżistenza għal temperaturi esterni għoljin jew baxxi ħafna

	le	iva
Għadd ta' punti	0	1

Jekk il-mudell ikollu karatteristika ta' sikurezza tat-tagħmir, jiġi assenjat il-punt.

L-għadd massimu ta' punti huwa 1. $N = (\text{għadd ta' punti miksuba}/1) \times 10$

Il-punteġġ għas-subkriterju 1.1 jinkiseb bil-kalkolu li ġej.

Punteġġ tas-subkriterju = $(N_a + N_b + N_c + N_d + N_e)/5 \times 10$

Subkriterju 1.2. Reżistenza għat-tkagħbir bl-użu

Dan is-subkriterju huwa maqsum f'żewġ aspetti.

It-testijiet u l-metodi rilevanti għall-kalkolu tal-punti ta' dan is-subkriterju għandhom ikunu identiċi għat-testijiet u l-metodi ta' kalkolu biex tintlaħaq konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru li jstabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, il-mowbajls għajr l-ismartphones, it-telefowns bla fili u t-tablets f'konformità mad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

a) It-tul tal-ħajja teoretiku tal-batterija

Valur ta' X	Għadd ta' punti
Jekk X huwa strettament inqas minn 800	0
Jekk X bejn 800 u 1000	1
Jekk X bejn 1000 u 1200	2
Jekk X bejn 1200 u 1400	3
Jekk X huwa 1400 jew akbar	4

X huwa l-għadd ta' ċikli ta' ċċarġjar tal-batterija b'kapaċità residwa ta' 80 %, li għandha tiġi ttestjata f'kundizzjonijiet tal-iċċarġjar li għalihom il-veloċità tal-iċċarġjar hija limitata mis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija u mhux mill-kapaċità tal-provvista tal-enerġija. Fil-każ ta' batteriji multipli, dan huwa l-valur għall-batterija b'kapaċità ogħla.

L-għadd massimu ta' punti huwa 4. $N_A = (\text{għadd ta' punti miksuba}/4) \times 10$

b) It-tul tal-ħajja teoretiku tal-batterija

Il-ħajja teoretika tal-batterija tiġi evalwata mill-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-mudell, iddeterminata meta tiġi kkalkulata t-tikketta tal-enerġija.

Klassi tal-effiċjenza enerġetika	Għadd ta' punti
G	0
F	1
E	2
D	3
C	4
B	5
A	6

L-għadd massimu ta' punti huwa 6. $N_b = (\text{għadd ta' punti miksuba}/6) \times 10$

Il-punteġġ għas-subkriterju 1.2 jinkiseb bil-kalkolu li ġej.

Punteġġ tas-subkriterju = $(N_a + N_b)/2 \times 10$

2. Manutenzjoni (inkluż software) u servicing

Subkriterju 2.1. Manutenzjoni

Dan is-subkriterju huwa maqsum f'erba' aspetti.

a) Aċċessibilità tal-arloġġ tal-użu

Arloġġ tal-użu huwa displej għall-konsumatur li jirreġistra b'mod kumulattiv l-użu tal-prodott f'għadd ta' unitajiet. L-unità kkunsidrata f'din l-Ordni hija l-għadd ta' ċikli tal-batterija.

Sitwazzjoni	Assenza jew nuqqas ta' aċċessibilità	Diffiċli biex jiġi aċċessat (1)	Viżibbli jew faċilment aċċessibbli (2)
Għadd ta' punti	0	1	2

(1) Diffiċli biex jiġi aċċessat: Il-konsumatur isir jaf il-valur muri mill-arloġġ tal-użu billi jwettagħ b'mod strett aktar minn tliet operazzjonijiet.

(2) Viżibbli jew faċilment aċċessibbli: Il-konsumatur isir jaf il-valur muri mill-arloġġ tal-użu billi jwettagħ tliet operazzjonijiet jew inqas.

Il-punti jingħataw biss jekk il-produttur jew l-importatur jispeċifika lill-konsumatur kif għandu jaċċessa l-informazzjoni mogħtija mill-arloġġ tal-użu.

L-għadd massimu ta' punti huwa 2. $N_A = (\text{għadd ta' punti miksuba}/2) \times 10$

b) L-impenn tal-produttur għad-disponibilità tas-sigurtà tas-sistema operattiva u l-aġġornamenti korrettivi

Snin ta' disponibilità (1)	5 snin u inqas	6 snin	7 snin	8 snin u aktar
Għadd ta' punti	0	1	2	3

(1) L-għadd ta' snin ta' disponibilità għandu jingħadd mit-tqegħid fis-suq tal-aħħar unità tal-mudell tat-tagħmir ikkonċernat.

L-għadd massimu ta' punti huwa 3. $N_b = (\text{għadd ta' punti miksuba}/3) \times 10$

c) Impenn dwar l-għoti differenzjat ta' aġġornamenti

Il-punti jingħataw jekk il-produttur jimpenja ruħu li jipprovdi aġġornamenti ta' sigurtà u korrettivi minn naħa waħda, u aġġornamenti tal-funzjonalità min-naħa l-oħra.

Aġġornamenti differenzjati	Le	iva
Għadd ta' punti	0	1

L-għadd massimu ta' punti huwa 1. $N_c = (\text{għadd ta' punti miksuba}/1) \times 10$

d) It-tneħħija tal-batterija jew ta' kull waħda mill-batteriji

Il-batterija titqies li tista' titneħħa meta tkun tista' titneħħa individwalment mit-tagħmir, mingħajr għodod jew bl-għajnuna ta' għodod komuni disponibbli kummerċjalment jew b'għodod ipprovduti mingħajr ħlas bit-tagħmir jew bil-batterija. Barra minn hekk, l-aċċessorji tal-batterija jistgħu jitneħħew u jistgħu jerġgħu jintużaw, jew fornuti bil-batterija l-għdida.

Il-kapaċità li titneħħa l-batterija	le	iva
Għadd ta' punti	0	1

L-għadd massimu ta' punti huwa 1. $N_d = (\text{għadd ta' punti miksuba}/1) \times 10$

Il-punteġġ għas-subkriterju 2.1 jinkiseb permezz tal-kalkolu li ġej.

Punteġġ tas-subkriterju = $(N_a \times 1.5 + N_b \times 5 + N_c \times 1.5 + N_d \times 2)/10$

Subkriterju 2.2. Servicing

Dan is-subkriterju huwa maqsum fi tliet aspetti.

a) Aċċessibbiltà tal-informazzjoni

	Sitwazzjoni				
	Xejn	Informazzjoni aċċessibbli direttament mill-apparat permezz ta' displej fis-settings tat-tagħmir jew link għas-sit tal-manifattur	Informazzjoni i murija direttament fuq l-apparat permezz ta' displej fil-forma ta' notifikati kuntestwali	Informazzjoni aċċessibbli f'settings u permezz ta' displej fil-forma ta' notifikati kuntestwali	Informazzjoni oħra/mhux meħtieġa
Azzjonijiet ta' servicing	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti
Użu ta' qoxra, kaxxa u/jew ħġieġ protettiv	0	1			2 (*)
Informazzjoni dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-każ ta' twaqqiġ fl-ilma	0	1	2	3	
Informazzjoni dwar l-iċċarġjar tal-batterija	0	1	2	3	
Azzjonijiet biex jiġi limitat l-użu tal-batterija	0	1	2	3	4 (*)
Aġġornament regolari tas-sistema operattiva	0	1	2	3	
Tindif regolari tal-smartphone biex jitneħħa t-trab li	0	1			

jista' jidħol ġo fih					
----------------------	--	--	--	--	--

(*) Il-punti jingħataw jekk il-mudell tat-tagħmir ma jkunx jirrikjedi protezzjoni esterna li ma tkunx parti integrali mit-tagħmir ikkonċernat.

(**) Il-punti jingħataw jekk il-mudell tat-tagħmir ikollu software għall-ġestjoni tal-batterija biex jistendi l-ħajja tas-servizz tiegħu.

L-għadd massimu ta' punti huwa 16. $NA = (\text{għadd ta' punti miksuba}/16) \times 10$

b) Il-kwalità tal-informazzjoni

Għall-allokazzjoni tal-punti, l-informazzjoni għandha tkun speċifika għall-mudell u magħmula disponibbli mill-manifattur fuq applikazzjoni mobbli jew fuq is-sit tal-manifattur b'indikazzjoni tal-frekwenza.

	Sitwazzjoni		
	L-ebda informazzjoni	Informazzjoni bil-miktub	Informazzjoni bil-miktub, supplimentata b'diagrammi ta' spjegazzjoni, jew materjal awdjoviżiv
Azzjonijiet ta' servicing	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti
Użu ta' qoxra, kaxxa u/jew ħġieġ protettiv	0	1	
Informazzjoni dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-każ ta' twaqqiġh fl-ilma	0	1	2
Informazzjoni dwar l-iċċarġjar tal-batterija	0	1	
Azzjonijiet biex jiġi limitat l-użu tal-batterija	0	1	
Aġġornament regolari tas-sistema operattiva	0	1	
Tindif regolari tal-smartphone biex jitneħħa t-trab li jista' jidħol ġo fih	0	1	2

L-għadd massimu ta' punti huwa 8. $Nb = (\text{għadd ta' punti miksuba}/8) \times 10$

c) Faċilità għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni ta' manutenzjoni/servicing

	Xejn	Provvista ta' protezzjoni esterna mhux integrata mat-tagħmir ikkonċernat	Protezzjoni mhux meħtieġa (*)
Azzjonijiet ta' servicing	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti
Użu ta' qoxra, kaxxa u/jew ħġieġ protettiv	0	1	2

(*) Il-punti jingħataw jekk il-mudell tat-tagħmir ma jkunx jirrikjedi protezzjoni esterna li ma tkunx parti integrali mit-tagħmir ikkonċernat.

L-għadd massimu ta' punti huwa 2. $Nc = (\text{għadd ta' punti miksuba}/2) \times 10$

Il-punteġġ għas-subkriterju 2.2 jinkiseb permezz tal-kalkolu li ġej.

Punteġġ tas-subkriterju = $(Na \times 4 + Nb \times 1 + Nc \times 0.5)/5.5 \times 10$

3. Garanzija u proċess ta' kwalità

Subkriterju 3.1. Garanzija ta' durabbiltà kummerċjali

Iddeterminata bil-kunsens tal-produttur lill-konsumatur ta' garanzija kummerċjali ta' durabbiltà definita fl-Artikolu L. 217-23 tal-Kodiċi tal-Konsumatur, għal perjodu partikolari.

Għall-allokkazzjoni tal-punti, il-garanzija kummerċjali ta' durabbiltà għandha tkun mingħajr ħlas u għandha tippromwovi t-tiswija ta' oġġetti fuq is-sostituzzjoni tal-prodotti kkonċernati. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet ta' konformità li jidhru matul il-perjodu ta' garanzija kummerċjali ta' durabbiltà, inklużi l-oġġetti b'elementi diġitali, għandhom, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, ikunu preżunti li jeżistu fiż-żmien tal-ħruġ, sakemm tali preżunzjoni ma tkunx inkompatibbli man-natura tal-oġġett jew mad-difett invokat.

Tul ta' żmien tal-garanzija (1)	L-ebda garanzija	sena	3 snin	Aktar minn 3 snin
Għadd ta' punti	0	1	2	3

(1) It-tul ta' żmien tal-garanzija ta' durabbiltà kummerċjali mit-tmiem tal-perjodu ta' garanzija legalment awtorizzat.

L-għadd massimu ta' punti huwa 3. Punteġġ tas-subkriterju = $(\text{għadd ta' punti miksuba}/3) \times 10$

Subkriterju 3.2. It-twaqqif ta' proċess ta' kwalità

Dan il-kriterju jfisser it-twaqqif fil-kumpanija ta' proċess ta' titjib kontinwu dokumentat u li jista' jintwera, fuq talba tal-awtoritajiet pubbliċi f'każ ta' kontroll, biex tiżdied id-durabbiltà ta' kull mudell ta' prodott imqiegħed fis-suq, permezz tal-monitoraġġ u t-titjib tal-prodotti.

Biex jikseb il-punti, il-manifattur għandu jkun jista' juri dan kollu li ġej:

- In-nuqqasijiet jiġu identifikati u mmonitorjati mis-servizzi tekniċi tal-manifattur jew tas-sussidjarji tiegħu – Statistika ta' appoġġ;
- Billi dawn in-nuqqasijiet huma dokumentati permezz ta' rappurtar strutturat u sistematiku lura lis-servizzi ċentrali (Tekniku/tal-Kwalità/tar-R&Ż);
- Billi dawn ir-rapporti huma appoġġati u pproċessati mis-servizzi tar-R&Ż b'bidliet konkreti fil-prodotti sabiex jittejjbu b'mod kostanti ħalli tiżdied l-affidabbiltà u d-durabbiltà tagħhom;
- Billi l-bidliet li saru mbagħad jiġu ttraċċati u l-impatti tagħhom jitkejlu statistikament biex tintwera l-effettività tat-titjib li jkun sar.

Implimentazzjoni ta' proċess ta' titjib kontinwu	Assenza	Preżenza
Għadd ta' punti	0	1

L-għadd massimu ta' punti huwa 1. Punteġġ tas-subkriterju = $(\text{għadd ta' punti miksuba}/1) \times 10$

4. Kalkolu finali

Kriterji	Subkriterju	Punteġġ tas-subkriterju	Koeffiċjent tas-subkriterju	Punteġġ tal-kriterju	Total tal-punteġġi tal-kriterji
B.1 Reżistenza għall-istress u/jew għat-tkagħbir	1.1. Reżistenza għall-istress-	■/10	3	■/50	■/100
	1.2 Reżistenza għat-tkagħbir	■/10	2		
B.2 Manutenzjoni u servicing	2.1. Manutenzjoni (inkluż software)	■/10	2.4	■/40	
	2.2. Servicing	■/10	1.6		
B.3 Garanzija għas-sostenibbiltà u l-proċess ta' kwalità	3.1. Tul ta' garanzija ta' durabbiltà kummerċjali	■/10	0.75	■/10	
	3.2. Implimentazzjoni ta' proċess ta' titjib kontinwu	■/10	0.25		
Punteġġ ta' affidabbiltà					■/10

Anness IV

Familja tal-Kriterji C – Titjib

1. Titjib tas-software

Subkriterju 1.1. Possibbiltà li tinstalla s-sistema operattiva tal-għażla tiegħek

Possibbiltà ta' installazzjoni	Le	Iva
Għadd ta' punti	0	1

Il-punt għandu jingħata meta l-manifattur teknikament jippermetti l-installazzjoni ta' sistema operattiva oħra f'dak it-terminal.

L-għadd massimu ta' punti huwa 1. Punteġġ tas-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba/1) x 10

Subkriterju 1.2. Impenn għat-tul ta' żmien tal-forniment ta' aġġornamenti ġodda tal-funzjonalità

Numru ta' snin (1)	6 snin jew inqas	7 snin	8 snin	9 snin u aktar
Għadd ta' punti	0	1	2	3

(1) L-għadd ta' snin mit-tqegħid fis-suq tal-ewwel unità tat-tagħmir ikkonċernat.

L-għadd massimu ta' punti huwa 3. Punteġġ tas-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba/3) x 10

Subkriterju 1.3. Impenn biex jipprovdu titjib fis-software

	Sitwazzjoni	
	Le	Iva
Tip ta' funzjonalitajiet	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti
Teħid ta' ritratt	0	1
Reżistenza għall-batterija	0	1
Kapaċità ta' memorja	0	1

Il-punt għandu jiġi allokat meta l-manifattur iqiegħed fis-suq mudell ġdid b'titjib tas-software ta' dik il-funzjonalità, li huwa jagħmel disponibbli għall-prodott li huwa relatat miegħu l-indiċi.

L-għadd massimu ta' punti huwa 3. Punteġġ tas-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba/3) x 10

2. Titjib tal-hardware

Subkriterju 2.1. Impenn biex jiġi pprovdut titjib fil-hardware għall-funzjonalitajiet

	Sitwazzjoni	
	Le	Iva
Tip ta' funzjonalitajiet	Għadd ta' punti	Għadd ta' punti
Teħid ta' ritratt	0	1
Reżistenza għall-batterija	0	1
Kapaċità ta' memorja	0	1

L-għadd massimu ta' punti huwa 3. Punteġġ tas-subkriterju = (għadd ta' punti miksuba/3) x 10

3. Kalkolu finali

Kriterji	Subkriterju	Punteġġ tas-subkriterju	Koeffiċjent tas-subkriterju	Punteġġ tal-kriterju	Total tal-punteġġi tal-kriterji
C.1 Titjib tas-software	1.1 Possibbiltà li tinstalla l-OS tal-għażla tiegħek	■/10	2.625	■/75	■/100
	1.2 Impenn għat-tul ta' żmien tal-forniment ta' aġġornamenti ġodda tal-funzjonalità, li jibdew mit-tqegħid fis-suq tal-ewwel unità	■/10	2.625		
	1.3 Impenn biex jipprovdu titjib fis-software	■/10	2.25		
C.2 Titjib tal-hardware	2.1 Impenn biex jiġi pprovdut titjib fil-hardware għall-funzjonalitajiet	■/10	2.5	■/25	
Punteġġ ta' titjib					■/10

Magħmul fi

Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali,
Għal u f'isem il-Ministru:
Il-Kummissarju Ġenerali għall-Iżvilupp Sostenibbli
T. LESUEUR

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Irkupru,
Għal u f'isem il-Ministru:
Id-Direttur Ġenerali
għall-Kompetizzjoni, l-Affarjiet tal-Konsumatur
u l-Prevenzjoni tal-Frodi,
S. LACOCHE